32005R1629

6.10.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 260/9

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1629/2005

## tal-5 ta' Ottubru 2005

## li jemenda għall-54 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-iffriżar ta' fondi u riżorsi finanzjarji oħra fir-rigward tat-Taliban tal-Afganistan[1], u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 7(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li jaqgħu taħt l-iffriżar ta' fondi u riżorsi finanzjarji skont dak ir-Regolament.

(2) Fid-29 ta' Settembru 2005, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda l-lista tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi. L-Anness I għandu għalhekk ikun emendat f'dan is-sens.

(3) Biex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament,

---

[1] ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1551/2005 (ĠU L 247, 23.9.2005, p. 30).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Ottubru 2005.

*Għall-Kummissjoni*

Eneko LANDÁBURU

*Id-Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni*

# ANNESS

Fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandhom jiżdiedu l-annotazzjonijiet li ġejjin taħt l-intestatura 'Persuni naturali':

1. Abd Allah Mohamed Ragab *Abdel Rahman* (magħruf ukoll bħala (a) Abu Al-Khayr, (b) Ahmad Hasan, (ċ) Abu Jihad). Data tat-twelid: 3.11.1957. Post tat-twelid: Kafr Al-Shaykh. Ċittadinanza: Eġizzjana. Informazzjoni oħra: Jista' jkun li qed joqgħod fil-Pakistan, l-Afganistan jew l-Iran.

2. Zaki Ezat Zaki *Ahmed* (magħruf ukoll bħala (a) Rif'at Salim, (b) Abu Usama). Data tat-twelid: 21.4.1960. Post tat-twelid: Sharqiyah. Ċittadinanza: Eġizzjana. Informazzjoni oħra: Jista' jkun li qed joqgħod fil-fruntieri ta' bejn il-Pakistan u l-Afganistan.

3. Mohammed Ahmed Shawki *Al Islambolly* (magħruf ukoll bħala (a) Abu Khalid, (b) Abu Ja'far). Data tat-twelid: 21.1.1952. Post tat-twelid: El-Minya. Ċittadinanza: Eġizzjana. Informazzjoni oħra: Jista' jkun li qed joqgħod fil-Pakistan, l-Afganistan jew l-Iran.

4. El Sayed Ahmad Fathi *Hussein Elaiwa* (magħruf ukoll bħala (a) Hatim, (b) Hisham, (ċ) Abu Umar). Data tat-twelid: 30.7.1964. Post tat-twelid: Suez. Ċittadinanza: Eġizzjana.

5. Ali Sayyid Muhamed *Mustafa Bakri* (magħruf ukoll bħala (a) Ali Salim, (b) Abd Al-Aziz, (ċ) Al-Masri). Data tat-twelid: 18.4.1966. Post tat-twelid: Beni-Suef. Ċittadinanza: Eġizzjana. Informazzjoni oħra: Jista' jkun le qed joqgħod fl-Iran.

6. Mahdhat Mursi Al-Sayyid *Umar* (magħruf ukoll bħala (a) Abu Hasan, (b) Abu Khabab, (ċ) Abu Rabbab). Data tat-twelid: 19.10.1953. Post tat-twelid: Lixandra. Ċittadinanza: Eġizzjana. Informazzjoni oħra: Jista' jkun li qed joqgħod fil-fruntieri ta' bejn il-Pakistan u l-Afganistan.

7. Hani El Sayyed Elsebai *Yusef* (magħruf ukoll bħala Abu Karim). Data tat-twelid: 1.3.1961. Post tat-twelid: Qaylubiyah. Ċittadinanza: Eġizzjana. Informazzjoni oħra: Għandu r-residenza tiegħu fir-Renju Unit.